MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 344/2011

Kawza fil-lista: 33

**A Y C**
**bhala kuratrici ad litem tal-minuri R C**
**vs**
**K C, T V**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-attrici u l-konvenut K C sseparaw de facto f’ Mejju 2007; li fit-23 ta’ Mejju 2011 l-attrici weldet lit-tifel R C; li dan it-tifel mhuwiex il-wild naturali ta’ zewgha K C, izda tal-konvenut T V, kif jirrizulta wkoll mit-testijiet tad-DNA; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi t-tarbija li twieldet lir-rikorrenti nomine nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Menu tas-sena elfejn u hdax (2011), bl-isem ta' R, m'hijiex il-wild naturali ta' l-intimat K C, izda l-wild naturali ta' l-intimat l-iehor T V;

2. Tawtorizza u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri R illi ghandu n-numru progressiv t'iskrizzjoni elfejn u ghaxra tas-sena elfejn u hdax (2010/2011) sabiex il-paternita' tal-istess minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att, u dan billi :

(i) fil-kolonna fejn hemm indikat isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom 'C' u tbiddlu bil-kunjom 'V' sabiex id-dettalji fdin il-kolonna jigu jaqraw kif imiss: 'R V';
(ii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier R tikkancella l- isem 'K C' u tbiddlu bl-isem 'T V';

(iii) fil-kolonna fejn hemm indikat id-dokument ta' l-identita' ta' missier R flok '0509764M Maltese ID Card Number' jitnizzel '0346266M Maltese ID Card Number';

(iv) fil-kolonna fejn hemm indikat eta' ta' missier R flok '46' jitnizzel '44';

(v) fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tat-twelid ta' missier R tibqa' 'Sliema Malta';

(vi) fil-kolonna fejn hemm indikat il-post tar-residenza ta' missier R flok 'Sliema Malta', jitnizzel 'St Julian's Malta';

(vii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet (missier il-missier tat-tarbija), flok 'Carmel K C (dead)' jitnizzel 'Anthony V (alive)';

(viii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom omm R tikkancella il-kliem 'the said' sabiex id-dettalji fdin il-kolonna jigu jaqraw kif imiss: 'A Y C nee' Pali wife of K C'; u tawtorizza u tordna

(ix) kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba, u jekk ikun opportun, f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrefera ghall-artikoli 77B u 81 tal-Kap.16;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut T V, li biha ammetta t-talbiet attrici;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici nomine qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel R C li hija weldet fit-23 ta' Mejju 2011, u registrat fuq l-att tat-twelid tieghu bhala l-wild tal-konvenut K C, mhuwiex il-wild naturali ta' dan il-konvenut, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut T V.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet isseparaw de facto fit-18 ta' Mejju 2007, u minn dak in-nhar 'il quddiem il-konjugi C ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar. F' April 2008 l-attrici dahlet f' relazzjoni stabbli mal-konvenut T V, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri Oskar f' Gunju 2009; sussegwentement mill-istess relazzjoni twieled il-minuri R fit-23 ta' Mejju 2011.

Illi l-attrici tikkonferma li r-relazzjoni mal-konvenut T V hija wahda esklussiva, u li ghalhekk it-tifel R huwa l-wild naturali ta' dan il-konvenut.

Illi t-tezi attrici tinsab korroborata mir-rapport xjentifiku tad-DNA.

Illi mill-provi ma jirrizultax li t-tifel R ghandu pussess ta' stat legittimu konformi mal-att tat-twelid tieghu numru

2010/2011, stante li twieled minn relazzjoni stabbli li l-attrici kellha, u ghad ghandha, mal-konvenut T V, sa minn April 2008. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma treggix.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tikkunsidera t-talbiet attrici bhala gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 81 tal-Kap.16, tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifel R C li twieled fit-23 ta' Mejju 2011 mill-attrici, huwa l-wild naturali tal-konvenut T V, u mhux tal-konvenut K C; ukoll tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tifel fit-termini tat-tieni talba tal-attrici.

L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut T V.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------